MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2011

Numru 743/2006

Il-Pulizija
(Spettur Kevin J Farrugia)

vs

Charles (Carlo) Sciberras

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita numru 382271M, akkuzat talli nhar it-28 ta' Lulju, 2006 f'dawn il-Gzejjer u gewwa 'St. Aloysius Football Ground', fi Triq il-Ferrovija l-Qadima, Birkirkara u f'inhawi ohra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. bhala ufficjal jew impjegat pubbliku (suldat) naqas li jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu kellu d-dmir li jimpedixxi, minghajr il-hsieb li joqtol jew ipoggi l-hajja f'perikolu car izda biss bil-hsieb li jaghmel offiza gravi fuq il-persuna ta' haddiehor, ikkaguna offiza

gravi fuq il-persuna ta’ Simon Aquilina detentur ta’ numru ta’ karta tal-identita’ 412275M hekk kif certifikat minn Dr. Arlene Bonello M.D. (Reg. No. 9890) tal-Isptar San Luqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 141, 214, 215, 216 u 218 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.
2. volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b’ghajjat u dan ai terminu tal-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna ta’ Simon Aquilina u torbot l-imputat Charles (Carlo) Sciberras b’dawk il-kundizzjonijiet li jidhrilha xieraq u dan ai terminu tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issa l-misfatt sehh waqt loghba tal-ballun li kienet intlaghbet fil-ground ta’ San Alwigi bejn Senglea Athletics u Msida St Joseph. Kienet suppost loghba amikevoli li fiha l-midrub kien fost il-players ta’ Senglea Athletics u l-imputat fost dawk tat-team oppost. Mix-xhieda prodotta jirrizulta li fil-kors tat-tieni taqsima tal-loghba l-midrub dahal b’sahha fuq l-imputat li b’konsegwenza spicca mal-art u anka kellu bzonn l-assistenza. Safrattant, inqaghlu xi batibekki fost l-‘players’ taz-zewg timijiet u wara li l-midrub intwera’ l-karta s-safra safa’ aggredit mill-imputat. Konsegwenza ta’ din l-aggressjoni l-midrub ittiehed u gie medikat l-isptar. Bhala feriti stante li involvew l-ksur tal-imnieher apparti daqqa ‘lacero contusa’ fuq l-ghajn ix-xellugija l-istess huma klassifikabbli bhala gravi. Gravi però fil-kuntest tal-Artikolu 216 tal-Kap 9 u mhux ta’ l-Artikolu 218 tal-istess Kap citat mill-Avukat Generali. Fil-konfront tal-offiza kontravenzjonali tal-ksur tal-bon ordni (Artikolu 338(dd) tal-Kap 9) din tikkonfigura kif jixhed il-fatt li minhabba l-aggressjoni l-loghba giet sospiza minhabba l-glied li inqala’ bejn iz-zewg timijiet.

Fl-ahharnett l-Avukat Generali fir-rinviju ghal-gudizzju eskluda l-aggravju tal-vesti ta’ ufficjal pubbliku fl-imputat fit-twettiq ta’ dan ir-reat u l-Qorti hi tal-istess fehma li fil-kaz in ispecje l-Artikolu 141 ma japplikax.

Intant, fil-konfront taz-zewg imputazzjonijiet li jikkonfiguraw kontra l-imputat, it-tnejn kemm huma jirrizultaw pruvati a sodisfazzjon tal-Qorti. Dwar it-tieni imputazzjoni din hi kontravenzjonali. Dwar l-ewwel m’ghandux ikun hemm dubbju li treggi taht l-Artikolu 216(d) tal-Kap 9.

Ghalhekk issib l-imputat hati skond kif intqal hawn fuq. Rat l-Artikolu 338(dd), 216(d) u 17(d) tal-Kap 9. Wara li kkonsidrat li l-agir tal-imputat kien frott ta’ rejazzjoni spontaneja anke jekk spropositata aktar milli haga ohra, tiddeciedi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xhur mill-lum u tastjeni li taghmel xi ordni taht l-Artikolu 383 stante t-trapass taz-zmien.

Il-Qorti sincerament tirrakkomanda li mhux il-kaz li jittiehdu xi passi ta’ natura dixxiplinari kontra l-imputat anke minhabba l-eskluzjoni ta’ l-Artikolu 141 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabbilitajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------